MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 675/2007

**Talba Nru: 675/07PBC**

**Atlas Insurance PCC Limited (C5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Joseph Caruana abbazi tal-
polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi**

**Vs**

**Louis u Maria konjugi Abela**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf, mija u

sittax-il lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1,116.70c) li huma ekwivalenti ghal elfejn, sitt mija u Euro u wiehed u ghoxrin Euro cents (€2,601.21) u dan billi fit-13 ta' Dicembru, 2005 il-kelb ta' l-intimati attakka lil Joseph Caruana u b'rizultat ta' dan Joseph Caruana sofra danni ta' natura personali u danni konsegwenzjali. Illi l-intimati huma responsabbli ghad-danni rizultanti. Illi s-socjeta' attrici abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni li ghandu l-assigurat taghha Joseph Caruana kkompensatu d-danni rizultanti mill-imsemmi incident ammontanti ghal elfejn, sitt mija u Euro u wiehed u ghoxrin Euro cents (€2,601.21) - (Lm1,116.70c) u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tieghu u ghalhekk qeghda titlob li l-konvenuti jigu ddikjarati responsabbli ghad-danni rizultanti fuq imsemmija u jigu kkundannati jhallsu l-ammont mitlub.

Il-konvenuti eccepew illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Illi huma m'humiex responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u li fejn jirrigwarda danni m'hemmx danni x'jigu llikwidati favur is-socjeta' attrici izda bla pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kaz il-*quantum* tad-danni allegati subiti minn Joseph Caruana huwa kkontestat u ghaldaqstant ghandu jigi ppruvat skond il-ligi. Illi m'hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' danni favur is-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' PS 112 Oliver Vella, Lawrence Formosa, Joseph Caruana, Louis Abela u ta' Maria Abela.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Lennart Depasquale ghas-socjeta' attrici u ta' Dr Neville Camilleri ghall-konvenuti.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Joseph Caruana kien ibiegh xi merkanzija fuq bazi ta' *wholesale* lill-konvenut Abela, liema konvenut Abela kellu *store* fil-garaxx sottostanti ghad-dar tieghu u go liema garaxx kellu wkoll l-

ufficcju tieghu. Minn zmien ghal zmien Joseph Caruana kien jikkonsenja x-xoghol lis-Sur Abela f'dan il-garaxx. Biex tasal ghall-garaxx mit-triq trid tinzel rampa.

Fit-13 ta' Dicembru, 2005 kienet hafna xita u dakinhar lill-konvenut dahallu kwantita' ta' ilma fil-garaxx.

Joseph Caruana xehed illi dakinhar huwa cempel lil Louis Abela li kien ser imur ghandu bix-xoghol. Hu mar u hu u niezel mir-rampa li taghti ghall-garaxx, hareg il-kelb Alsatian li l-konvenuti Abela kellhom fil-garaxx u dan il-kelb gidmu f'saqajh. Is-Sur Caruana rnexxielu jahrab mill-kelb u mar hdejn il-karozza tieghu u sadanittant gie Louis Abela u zamm il-kelb. Waqt li l-konvenut Abela mar idahhal il-kelb gewwa, Joseph Caruana baqa' niezel ir-rampa u hemmhekk zelaq u kiser irkobtu.

It-talba relattiva ghall-kawza odjerna tikkoncerna d-danni subiti mill-imsemmi Caruana minhabba fiz-zewg incidenti fuq imsemmija izda b'mod partikolari minhabba li huwa kiser irkobtu. B'rizultat ta' dan l-incident huwa dam zmien twil ma jistax jattendi x-xoghol u s-socjeta' attrici bhala assikurazzjoni tieghu hallset kemm l-ispejjez li nkorra s-Sur Caruana, kif ukoll hallsitu tlett mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin Euro cents (€349.41) - (Lm150) fil-gimgha ghal numru ta' gimghat.
Illi l-konvenut Abela jsostni illi meta Joseph Carana cempillu li kien gej bix-xoghol huwa nforma lil Caruana li kien ikun ahjar biex ma jigix ghaliex kellu l-ilma fil-garaxx u kellu problema izda Joseph Caruana nsista li ried jigi u ghalhekk Abela qallu li seta' jaghmel li jrid.

Abela jghid ukoll illi l-bieb tal-garaxx kien maghluq izda mhux imsakkar u t-tebqa tal-bieb kienet mizmuma maghluqa billi huwa ghamel kaxxa tal-kartun warajha. Il-bieb jinfetah 'il gewwa u l-kelb kien qieghed gewwa l-garaxx. Huwa jsostni illi l-kelb hareg mill-garaxx ghax kien l-istess Caruana li mbotta l-bieb tal-garaxx.

L-**Artikolu 1040 tal-Kodici Civili** jiddisponi illi:

"Is-sid ta' annimal, jew il-persuna li taghmel uzu minn annimal ghaz-zmien li taghmel uzu minnu, jwiegbu ghall-hsara li dak l-annimal jikkaguna, sew jekk ikun jinsab taht idejhom kemm jekk ikun intilef jew harab."

Dan l-Artikolu gie ezaminat fil-kawza deciza fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-3 t'Ottubru, 2003 Citazzjoni Numru 696/1995 **Fenech Vs Murphy**:

"Din ir-responsabbilta' tista' tigi eskluza bil-prova li l-fatt kien dovut ghall-forza magguri jew ghall-htija tad-danneggjat stess. Fil-kawza fl-ismijiet **Nazzareno Scicluna Vs Paolo Zahra** deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' Frar, 1967 (Vol. LI.ii.804) intqal *inter alia*: "Li, pero', ma jistax jigi eskluz li dina r-responsabbilta' obbjettiva tigi nieqsa meta jirrizulta li l-incident li fih kien involut annimal, kien dovut ghall-kaz fortuwitu, jew forza maggiore; jew ghall-htija tad-danneggjat (App. Toma, 3 Agosto 1927; La Giustizia, art. 1928, 8; Cassaz. Torino, 27 Maggio 1911, in re "Contini Vs An. Momnibus", Ital. 1911, 1, 1, 1206). Li, meta jaghti l-kaz li annimal jipprovoka dannu lil haddiehor 'per proprio impulso' ('secondum natura'); dana jimplika r-responsabbilta' tas-sid, minghajr dana ma jista' jigi ammess jipprova l-assenza tal-htija tieghu, billi r-responsabbilta' tieghu hija prezunta mil-ligi. Tipiku huwa l-kaz citat mill-imsemmi awtur Perretti-Griva (op. Cit. Pag. 194): 'Se un cane si avventa contro un ciclista, commette un fatto esclusivamente riferibile all'impulso del cane, del quale dovra' rispondere il proprietario dell'animale o chi di questo si serve, in quanto ne deriva un danno in diretto riferimento col fatto dell'essersi il cane avventato'." Ara wkoll **Lorenzo Mercieca Vs Salvatore Zammit** deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Marzu, 1963 (Vol. XLVII.ii.683)."

It-Tribunal jidhirlu illi l-incident ma garax ghal xi tort jew htija ta' Joseph Caruana. It-Tribunal mhux konvint li Caruana mbotta l-bieb tal-garaxx biex hareg il-kelb ghalih. F'kull kaz, il-bieb ma kienx imsakkar u l-kelb ma kienx marbut. Wara kollox Abela kien jaf li Caruana kien ser igiblu x-xoghol.

Il-konjugi Abela kienu responsabbli biex izommu kontroll tal-kelb taghhom u dan kif hemm dispost fl-Artikolu 1040 tal-Kodici Civili u kif tajjeb spjegat fis-sentenzi citati u bhala tali huma responsabbli ghall-incident meta l-kelb taghhom gidem lil Joseph Caruana.

Il-problema vera f'din il-kawza hija jekk il-konjugi Abela humiex responsabbli wkoll ghat-tieni incident jigifieri meta Joseph Caruana zelaq huwa u niezel ir-rampa. Il-konvenut Abela jghid illi wara l-incident huwa qal lil Caruana biex jibqa' fejn kien hdejn il-karozza tieghu u jistennieh halli huwa stess imur jiehu x-xoghol minghand Caruana izda Caruana jghid li dan ma kienx il-kaz. Jispetta lill-attur sabiex igib prova tar-responsabbilta' tal-konvenut u ghas-semplici fatt li huwa nizel ir-rampa u zelaq ma jfissirx li awtomatikament il-konvenuti Abela huma responsabbli. Hawnhekk m'ahniex fil-kamp ta' *strict liability* u l-atturi huma xorta tenuti li jippruvaw li l-konvenuti kienu b'xi mod responsabbli ghall-incident. M'huwiex normali li wiehed jizloq f'rampa u l-unika spjegazzjoni li ngabet ghaliex Joseph Caruana zelaq hija li l-kelb gidimlu siequ l-leminija, din possibilment setghet cediet tahtu u b'hekk huwa waqa'.

Dan ma jistax jigi eskluz ghall-ahhar pero' jibqa' l-fatt illi wara l-gidma Joseph Caruana hassu konfidenti li seta' jimxi tant li mbaghad hassu tant iehor kunfidenti li seta' liberament jibqa' niezel fir-rampa biex jaghti x-xoghol lill-konvenut Abela. Jekk Caruana hass li saqajh kienet dghajfa u ma kienetx tiflah bizzejjed li tissapportih, ma messux baqa' niezel ir-rampa u messu baqa' fejn kien hdejn il-karozza tieghu u stenna.

It-Tribunal m'huwiex konvint illi l-konjugi Abela huma responsabbli ghat-tieni incident meta Joseph Caruana waqa' u kiser l-irkoppa.

Ghar-rigward tal-quantum tad-danni, d-dokumenti prodotti jirrigwardaw l-interventi li kienu necessarji kemm fir-rigward tal-gidma kif ukoll fir-rigward tal-kisra ta' l-irkoppa ghalkemm il-parti principali ta' l-ammonti mitluba jirrigwardaw il-hsara fl-irkoppa. Certament l-*injury* tal-

gidma ma kienetx xi wahda kbira u ma kienetx sejra zzomm lil Joseph Caruana milli jkompli jattendi ghax-xoghol ghal zmien twil wara li jigi mdewwi ghal din il-gidma. Ghal din il-fini t-Tribunal jikkalkula illi telf ta' jumejn xoghol huma bizzejjed u, b'kalkolu pro-rata ghall-ammont ta' tlett mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin Euro cents (€349.41) - (Lm150) fil-gimgha, u hawnhekk it-Tribunal qieghed iqis gimgha li tkun *five working days*, dan igib kumpens ammontanti ghal mija u disgha u tletin Euro u sebgha u sebghin Euro cents (€139.77) – (Lm60).

Ghar-rigward ta' l-ispiza sabiex jiddewwa ghall-gidma, huwa difficli li t-Tribunal jipprova jestrapola l-quantum relattiv mid-dokumenti u xhieda prodotta izda certament xi forma ta' spiza kien hemm u ghal kull buon fini t-Tribunal qieghed *arbitrio et bono viri* jattribwixxi ammont ulterjuri ta' disgha u sittin Euro u tmienja u tmenin Euro cents (€69.88) - (Lm30) biex b'hekk il-kumpens totali jigi ta' mitejn u disa' Euros u erbgha u sittin Euro cents (€209.64) - (Lm90).

Stante li hemm differenza kbira fuq l-ammont mitlub u dak likwidat minn dan it-Tribunal ghandu jkun hemm rifless relattiv fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghal dik il-parti ta' l-incident meta Joseph Caruana ingidem mill-kelb izda mhux responsabbli ghall-incident meta Joseph Caruana waqa' u kiser l-irkoppa u jillikwida d-danni sofferti ghall-ammont ta' mitejn u disa' Euros u erbgha u sittin Euro cents (€209.64) ekwivalenti ghal disghin lira Maltin (Lm90) u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu din is-somma lis-socjeta' attrici. L-imghax jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza. Ghar-rigward ta' l-ispejjez tal-kawza, dawn ikunu kwantu ghal 1/11 ghall-konvenuti u 10/11 ghas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------